MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 288/2009

**Michael Debono Limited u Rohan Motors Limited**

***kontra***

**Curtis Rent-A-Car Limited**

**Il-Qorti –**

**Rat** ir-rikors ta' Michael Debono Limited u Rohan Motor Limited ("ir-rikorrenti") presentat fit-3 ta' Novembru 2009 li jaqra hekk –

*Illi r-rikorrenti huma kredituri tal-kumpannija intimata u ghad ghandhom jithallsu rispettivament is-somom ta' €666,467.35 u €114,137.55 bilanc ta' prezz ta' numru kbir ta' vetturi mibjugha u kkonsenjati lill-intimata u ta' diversi kambjali iffirmati mill-kumpannija intimata, kif jirrizulta mill-annessi dokumenti A u B u dan oltre imghaxijiet u spejjez*

*inkorsi fil-gbir lura ta' whud mill-karozzi in kwistjoni u fil-konservazzjoni tal-kreditu ;*

*Illi minkejja li giet interpellata thallas l-ammont dovut diversi drabi kemm permezz ta' ittri bonarji, gudizzjarji u anke personalment waqt inkontri bejn il-partijiet, l-intimati baqghu inadempjenti ;*

*Illi l-kumpannija intimata hija insolventi u ilha insolventi ghal diversi snin u ma jidhrirx li ghandha assi sufficjenti sabiex taghmel tajjeb ghall-kreditu tar-rikorrenti ;*

*Illi inoltre kif jirrizulta minn harsa ta' malajr lejn l-informazzjoni pubblikament disponibbli fil-website tal-Malta Financial Services Authority, il-kumpannija intimata ilha snin twal ma tipprezenta audited accounts kif rikjest minnha mill-Kap.386 ;*

*Illi barra minn hekk il-kumpannija ntuzata bhala mekkanizmu fi frodi perpetrata minn certu Glenn Debattista sive' Raymond Cortis bl-gharfien u l-akkwijexxenza tad-diretturi tal-kumpannija ;*

*Illi ghalhekk, barra l-istat ta' insolvenza jezistu ragunijiet gravi ghaliex din il-Qorti ghandha tipprocedi bil-falliment tal-kumpannija ;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, u in vista ta' kull ma jista' jirrizulta tul is-smigh tal-kawza, ir-rikorrent nomine jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' Curtis Rent-A-Car Limited m'hijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha u ilha f'dan l-istat sa qabel l-20 ta' Dicembru 2002 u/jew li jezistu cirkostanzi ta' gravita' sufficjenti skond l-Att dwar il-Kumpanniji u konsegwentement tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-istess kumpannija intimata a tenur tal-artikolu 214(2)(a)(ii) u/jew 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Att numru XXV tal-1995).*

*2. Tahtar, fil-mori ta' dawn il-proceduri amministratur provvizorju sabiex jamministra l-affarijiet tas-socjeta'*

*Curtis Rent-A-Car Limited u dan taht u skond id-disposizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun li taghti.*

*3. Taghti kull provvediment opportun sabiex jinhatar l-istralcjarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali skond id-disposizzjonijiet tal-Att XXV tal-1995 dwar il-Kumpanniji.*

*4. Taghti, ai termini tal-Art.219 tal-Kap.386, dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa jew necessarji waqt l-andament tal-proceduri.*

**Rat** id-dokumenti esebiti mar-rikors.

**Rat** li fil-5 ta' Novembru 2009 il-kumpannija intimata kienet notifikata skond il-ligi bl-atti u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (tergo ta' fol 12).

**Rat** li l-kumpannija intimata ma ressqet l-ebda risposta.

**Semghet** ix-xhieda li r-rikorrenti ressqu *viva voce* fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2010.

**Esaminat** id-dokumenti li tressqu waqt din l-udjenza.

**Qieset** l-atti tal-kawza fl-assjem taghhom.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2010 fejn halliet il-kawza ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat -**

Din hija kawza fejn it-talba principali tar-rikorrenti hija l-hrug ta' ordni ta' xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-kumpannija intimata Curtis Rent-A-Car Limited (C7463) skond l-Art.214 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba qed isir mir-rikorrenti bhala krædituri tal-istess socjeta' intimata.

<u>Fil-paragrafu (a) tal-subartiklu (2) tal-Art.214 tal-Kap.386</u> il-ligi tghid

liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti ***tista'*** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha. F'dan il-kuntest, is-socjeta' rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha fuq <u>is-subinciz (ii) tal-paragrafu (a).</u>

Is-subinciz (ii) ighid li kumpannija tista' tigi xjolta u stalcjata mill-Qorti … <u>*jekk il-kumpannija ma tkunx tista'thallas id-djun taghha.*</u>

<u>Art.214(5) tal-Kap.386</u> jistabilixxi meta kumpannija titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-Art.214(2)(a)(ii). Is-subartikolu (5) ghandu zewg subparagrafi.

<u>Is-subparagrafu (a)</u> ighid hekk –

"*jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."*

Waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ir-rikorrenti ressqu l-prova tal-kreditu taghhom kontra l-kumpannija intimata permezz ta' zewg kuntratti li jgibu d-data tad-29 ta' April 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Marilena Cristina (DOK PC3 u DOK PC4 minn fol 251 sa fol 254 ). Jirrizulta li ghall-kumpannija intimata deher Raymond Cortis (ID 589056M) li skond DOK PC5 (fol 255) kien awtorizzat b'rizoluzzjoni ffirmata minn Frank Debattista u Carmela Debattista (diretturi tal-kumpannija intimata) biex jidher ghall-kumpannija intimata fuq dawk il-kuntratti. Ghalkemm fuq DOK PC5 ma tidhirx d-data meta d-diretturi ffirmaw dik ir-risoluzzjoni, fiz-zewg kuntratti kien dikjarat min-Nutar Pubbliku li ppubblika l-kuntratti li r-rizoluzzjoni kellha d-data tat-28 ta' April 2005 u cioe' lejliet id-data tal-kuntratti. Ma jirrizultax minn liema kitba saret taf dan, izda il-probabilita' hi li saret taf bil-fomm minn taghrif li ta l-istess Raymond Cortis. Din il-Qorti trid tghid li din kienet leggerezza tan-Nutar Pubbliku li ppubblikat il-kuntratt ghax bhala ufficjal pubbliku ma kellhiex taccetta dik ir-rizoluzzjoni bla ma jkollha data u fit-

tieni lok kellha tassikura li tkun certifikata l-firma u l-identita' tal-firmatarji ta' dik ir-rizoluzzjoni. Din il-Qorti qed taghmel din l-enfasi minhabba l-mod kif svolgew il-fatti f'dan il-kaz u cioe' li kif irrizulta mill-provi li tressqu f'din il-procedura il-persuna li fil-kuntratti kienet qed tidher bl-isem ta' Raymond Cortis fil-fatt kien haddiehor u cioe' Glen Debattista li nserta iben Frank u Carmela Debattista. Li jhasseb lil din il-Qorti huwa l-fatt li fil-kuntratti jissemma' numru ta' karta' tal-identita' fir-rigward tal-allegat Raymond Cortis u hadd ghal xi raguni ma jintebah li kien haddiehor. Bir-ragun ghalhekk interveniet il-pulizija f'dan il-kaz kif irrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa'. *Ad ogni modo* ghall-fini tas-subparagrafu (a), ir-rikorrenti ma gabux il-prova li z-zewg kuntratti kienu rezi esegwibbli bil-procedura kontemplata bl-Art.256(2) tal-Kap.12 u ghalhekk ir-rekwiziti ta' dak is-s-subparagrafu ma gewx sodisfatti.

Hemm imbaghad is-subparagrafu (b) li jaqra hekk –

"*jekk ikun ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija.*"

Ir-rikorrenti qed ighidu l-kumpannija intimata ghandha tkun xolta wkoll abbazi tal-Art.214(2)(b)(iii) li jaqra hekk –

*Il-Qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija.*

Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, jirrizulta dan il-kwadru tal-kumpannija intimata –

1) Il-kumpannija kienet registrata fl-4 ta' Gunju 1985. L-azzjonisti kienu Raymond Cortis, Catherine Cortis u Emanuel Cachia waqt li l-ewwel direttur taghha kien Raymond Cortis.

2) B'effett mill-5 ta' Gunju 1985, Catherine Cortis inhatret direttur flimkien ma' Raymond Cortis.

3) L-ufficcju registrat tal-kumpannija kien “The Gem”, Tonna Street, Sliema.

4) B’effett mit-18 ta’ Settembru 1990, l-ufficcju registrat sar 94, Old College Street, Sliema.

5) Skond rizoluzzjoni tal-azzjonisti li waslet ir-Registru tal-Kumpanniji fis-17 ta’ Jannar 1995, l-“authorised share capital” zdied ghal 20,000 sehem ta’ Lm 1 kull sehem waqt li l-“issued share capital” zdied ghal 15,000 sehem ta’ Lm 1 kull sehem. L-azzjonista Emanuel Cachia baqa’ bis-sehem originali li kellu waqt li l-ishma awmentati inqasmu bejn Raymond Cortis u Catherine Cortis.

6) Skond l-annual return tat-30 ta’ April 1998, jirrizulta li Raymond Cortis kien is-Segretarju tal-kumpannija.

7) Fil-21 ta’ April 1999, waslu fir-Registru tal-Kumpanniji r-rapport tad-diretturi u l-kontijiet tal-kumpannija ghas-sena li ghalqet fit-30 ta’ Gunju 1997.

8) Fis-6 ta’ Novembru 2000, waslu fir-Registru tal-Kumpanniji r-rapport tad-diretturi u l-kontijiet tal-kumpannija ghas-sena li ghalqet fit-30 ta’ Gunju 1998.

9) Fis-17 ta’ Lulju 2002, waslu fir-Registru tal-Kumpanniji r-rapport tad-diretturi u l-kontijiet tal-kumpannija ghas-sena li ghalqet fit-30 ta’ Gunju 1999.

10) Fis-26 ta’ Frar 2003 ghall-ewwel darba u fit-13 ta’ Marzu 2003 ghat-tieni darba, waslu fir-Registru tal-Kumpanniji r-rapport tad-diretturi u l-kontijiet tal-kumpannija ghas-sena li ghalqet fit-30 ta’ Gunju 2000.

11) Fis-26 ta’ Frar 2003 ghall-ewwel darba u fit-13 ta’ Marzu 2003 ghat-tieni darba, waslu fir-Registru tal-Kumpanniji r-rapport tad-diretturi u l-kontijiet tal-kumpannija ghas-sena li ghalqet fit-30 ta’ Gunju 2001.

12) B’effett mill-11 ta’ Mejju 2004, l-ishma kollha li kellhom Raymond Cortis, Catherine Cortis u Emanuel

Cachia kienu trasferiti lil Frank Debattista u Carmela Debattista.

13) B'effett mill-11 ta' Mejju 2004, Raymond Cortis u Catherine Cortis ma baqghux diretturi, kienu mahtura minflok Frank Debattista u Carmela Debattista, waqt li Frank Debattista kien mahtur Segretarju minflok Raymond Cortis.

14) Fil-11 ta' Mejju 2004, saret emenda fil-memorandum tal-kumpannija fejn zdiedet klawsola gdida – *The main activity of the Company is to buy and sell, lease or hire, any motor vehicle or motor scooter, whether chauffeur driven or self-drive.*

15) Fis-16 ta' Ottubru 2006, l-ufficcju registrat inbidel ghal 35, Capuchin Street, San Gwann.

16) L-ahhar rapport tad-diretturi u kontijiet tal-kumpannija li kienu presentati lir-Registru tal-Kumpanniji kienu dawk ghas-sena li ghalqet fit-30 ta' Gunju 2001.

17) Skond DOK PC1, fis-26 ta' Jannar 2010, il-kapital dovut mill-kumpannija intimata versu r-rikorrenti Michael Debono Limited kien ta' €666,467.35 (jew Lm 286,114.43). Dan ifisser li kien hemm tnaqqis ta' Lm 109,885.57 jew €255,964.52 mis-somma ta' Lm 396,000 li kienet indikata fil-kuntratt DOK PC3.

18) Skond DOK PC2, fis-26 ta' Jannar 2010, il-kapital dovut mill-kumpannija intimata versu r-rikorrenti Rohan Motors Limited kien ta' €114,137.55 (jew Lm 48,999.25). Dan ifisser li kien hemm tnaqqis ta' Lm 16,925.75 jew €39,426.39 mis-somma ta' Lm 65,925 li kienet indikata fil-kuntratt DOK PC4.

<u>Dwar l-Art.214(5)(b) tal-Kap.386</u> din il-Qorti diversament presjeduta (PA/GV) fis-sentenza taghha fil-kawza "Axel John International AB vs Aluminium Extrusions Limited" deciza fit-28 ta' Mejju 2003 esprimiet ruhha hekk -

*Din il-kondizzjoni tista' tigi verifikata permezz tal-balance sheets wara li jigi kunsidrat jekk l-assets are less than its liabilities. Izda "it is not sufficient for the company to be able to meet its current obligations if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assets over a lengthy period (Re: European Life Assurance Society 1869 LR 9 Eq 122). Ghalhekk m'hemmx raguni ghaliex il-kredituri ghandhom joqghodu jistennew sakemm il-kumpannija tbiegh l-assets taghha biex forsi xi darba jithallsu.*

Fil-kuntest tal-premess, din il-Qorti tghid li, ghaliex ma setghetx tgharbel il-kontijiet tal-kumpannija intimata wara t-30 ta' Gunju 2001 sal-lum, propju ghaliex dawn ma gewx presentati lir-Registratur tal-Kumpanniji kif titlob il-ligi, mhijiex f'qaghda li tghid jekk, ghall-fini tal-Art.214(5)(b) tal-Kap.386, il-kumpannija intimata tistax thallas id-djun taghha*, meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija.* U huwa evidenti li l-prova ghas-*sodisfazzjon tal-Qorti* li qeghda titlob dik id-disposizzjoni titlaq mill-presuppost li sar ezami tal-kontijiet tal-kumpannija biex jigi determinat li *l-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha* wara li tqies <u>*ukoll*</u> *il-passiv kontingenti u prospettiv* taghha. Il-Qorti ma tistax tesprimi gudizzju, ghall-fini ta' din id-disposizzjoni, fuq prova negattiva izda trid tasal ghal dak il-gudizzju fuq ezami kontabili oggettiv li f'dan il-kaz ma jistax isir. Huwa *anke* ghal raguni ta' din ix-xorta li r-Registratur tal-Kumpanniji olatur ghandu juza s-setghat kollha li jaghtih il-Kap.386 sabiex jassikura li d-diretturi tal-kumpanniji jottemperaw ruhhom tajjeb, kif suppost u fiz-zmien stabbilit mil-ligi mal-obbligi taghhom, specjalment fejn jidhlu l-kontijiet u li allura jagixxi prontament meta jirrizulta nuqqas. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti tghid li mhumiex sodisfatti r-rekwiziti tal-Art.214(5)(b) ghall-fini ta' din tal-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap.386.

Diversa hija l-kwistjoni fil-kuntest tal-<u>Art.214(2)(b)(iii)</u>. Il-ligi ma taghtix tifsira tar-*ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija.* Dan ghaliex thalli fid-diskrezzjoni wiesa' tal-gudikant sabiex jizen il-fatti u cirkostanzi ta' kull kaz u fuq

li jirrizulta jipprovdi konformement. Fi kwalunkwe kaz, ir-*ragunijiet* ghalkemm mhux definiti jridu jkunu *gravi bizzejjed li jiggustifikaw* xoljiment u stralc.

Issa fil-kaz taht ezami diga' hija haga serja li kumpannija (li almenu fuq il-karta tidher li ghadha attiva fil-kummerc) ma tipprezentax il-kontijiet taghha lir-Registratur tal-Kumpanniji ghall-iskrutinju *anke* tal-pubbliku ghal tmien snin konsekuttivi qisu qatt ma kien xejn u ghal ebda raguni.

Is-sitwazzjoni ssir gravi tassew meta irrizulta li ghaz-zewg kuntratti DOK PC3 u PC4 ghalkemm kien indikat li Raymond Cortis deher ghall-kumpannija intimata fir-realta' l-persuna ma kenitx Raymond Cortis izda Glen Debattista (iben id-diretturi Frank u Carmela Debattista) li identifika lilu nnifsu u pprezenta ruhu bhala Raymond Cortis. Dan huwa stat ta' illegalita' li d-diretturi Frank u Carmela Debattista ppermettew. Kienet elokwenti ferm ix-xhieda moghtija mill-Ispettur tal-Pulizija Angelo Gafa' li kkorrabora x-xhieda tar-rappresentant tar-rikorrenti dwar il-mod kif Glen Debattista (taht il-pretest li kien Raymond Cortis) ghall-ewwel ipprezenta ruhu biex akkwista l-vetturi minghand ir-rikorrenti u in segwitu deher ghall-kuntratti minflok Raymond Cortis bid-diretturi tal-kumpannija ma jaghmlu xejn biex jirrettifikaw sitwazzjoni gravi bhal dik. Iz-zewg stqarrijiet ta' Glen Debattista esebiti mill-Ispettur Gafa' huma cari bizzejjed. L-imgieba ta' Glen Debattista wasslet biex ittiehdu proceduri kriminali kontrih liema proceduri ghadhom *sub judice.* Huwa wkoll gravi l-fatt li d-diretturi Frank Debattista u Carmela Debattista jghaddu rizoluzzjoni sabiex ghall-kuntratti DOK PC3 u PC4 jidher Raymond Cortis ghall-kumpannija u minflok jidher binhom Glen Debattista bl-isem ta' Raymond Cortis bla ma jizvela xejn lil terzi. Dan huwa tahwid li din il-Qorti mhux se tippermetti. Issa ghall-fini tal-procedura odjerna, il-gravita' ma tinsabx biss fil-fatt li Glen Debattista bhala individwu agixxa bil-mod kif irrizulta, izda fil-fatt li d-diretturi prezenti tal-kumpannija konvenuta hallew kollox ghaddej bi pregudizzju ghal terzi.

Hija haga fondamentali fid-dritt socjetarju li kumpanniji ghandhom joperaw b'mod trasparenti u *accountable.* Ghalhekk mhux accettabbli li terzi jkunu esposti ghal riskji gejjin minn *mala fede* kommessa espressament jew tacitament minn diretturi ta' kumpanniji. Jekk jirrizulta li jkun gara hekk, allura dik il-kumpannija ghandha tigi xolta u stalcjata.

Dak huwa propju li ser taghmel din il-Qorti fil-kaz tal-kumpannija intimata ghaliex l-imgieba tad-diretturi taghha huwa gravi bizzejjed biex jiggustifika x-xoljiment u stralc taghha skond l-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386.

**Ghar-ragunijiet kollha fuq premessi, din il-Qorti hekk tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti –**

**1. Tiddikjara li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija intimata Curtis Rent-A-Car Limited (C7463) ghall-fini tal-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386.**

**2. Tordna x-xoljiment tal-kumpannija intimata Curtis Rent-A-Car Limited (C7463) b'effett mil-lum kif ighid il-*proviso* tal-Art.223(1) tal-Kap.386 u tordna wkoll l-istralc taghha.**

**3. Tahtar lill-Ufficjal Ricevitur bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art.228 *et seq* tal-Kap.386 b'dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita' ta' dawk is-setghat u dmirijiet –**

**(a) wara li jikseb dikjarazzjoni fuq il-qaghda tal-kumpannija intimata kif irid l-Art.226 tal-Kap.386, jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-Art.227 tal-Kap.386.**

**(b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija intimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.**

**(c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija intimata kif ighid u jrid l-Art.237 tal-Kap.386.**

**(d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija intimata.**

**(e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpannija intimata.**

**(f) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mil-lum.**

**4. L-ispejjes ta' din l-istanza thallashom il-kumpannija intimata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------